

# LEHEN IL-GIRGENTI

Nru 145 Jannar 2026



*“Għażiż Ġesú, maħbub Ġesú, twajjeb Ġesú, inti s-sid tagħna, Inti l-ħajja tagħna, Inti n-nifs tagħna, warrbilna minna dawk l-ispirti ta' dlamijiet għax tant qegħdin iħabbtuna, kemm lilna u kemm lid-dinja...”*

*Ġuża Mifsud*

**Il-Kumitat Moviment Madonna tal-Konsagrazzjoni jixtieq iwassal l-isbaħ xewqat tiegħu għas-sena 2026 lill-membri kollha tal-Moviment, lill-qarrejja ta’ dan il-fuljett, lill-Maltin u l-Għawdxin kollha u ‘l proxxmu kollu. Mulej ibgħat il-paċi Tiegħek fuq id-dinja kollha, għaqqad il-ġnus f’imħabbtek u agħti s-serħan lil min qiegħed ibati.**

MAĦRUĠ MILL-MOVIMENT MADONNA TAL-KONSAGRAZZJONI

# INSIRU NAFU AKTAR LIL ĠUŻA MIFSUD
## mill-ittri ta' Mons. Salvatore Grima
### *(ir-raba' parti)*

Jidher, u dan anka tikkonfermah Sr. Roża Balzan, li l-kuntatti bejn Ġuża Mifsud u Mons. Grima waqfu għal xi snin. Sr. Roża tirrakkonta li mbagħad fl-1983, meta hija kienet diġa *sister* id-Dar tal-Kleru, darba minnhom, "ċempel telefon, kont fuq jiena, u qbadt it-telefon. Kien ċempel Dun Ġużepp Aquilina, mhux ta' Randa, tal-Lixxu, Aquilina wkoll kien dak, u mbagħad qalli, 'isma hawn Ġuza,' - ma nafx x'qalli bil-qattusa għax dak dejjem kien ċajtir, qalli 'waqgħalha denba,' jew ma nafx x'qalli... Qalli, 'ara hawn Ġuza trid tkellmek.' Qabdet Ġuza mat-telefon u qaltli, tibki, qaltli, 'il-Madonna tridna naħdmulha.' Il-Madonna reġgħet batitha għand il-Monsinjur, ara kemm il-messaġġ riditu mingħandu. Reġgħet batitha għand il-Monsinjur... u mbagħad konna niġu għandha... konna niġu kull nhar t'Erbgħa... miskina ma kellha l-ebda wens dak iż-żmien hu. Fil-bidu, jiġifieri, magħna kienet tiftaħ naqra qalbha... Mal-Monsinjur kienet isserraħ moħħha miskina... għax il-Monsinjur tant kien ruħ spiritwali li l-erwieħ kien jurihom hekk x'ser jgħaddi minnhom."



F'ittra bid-data 2 ta' Settembru 1984, Kan. Salv Grima kitbilha hekk lil Ġuża:

**"Jiena ħassejt li għandi nerġa niktiblek biex inserraħlek moħħok fuq id-diffikulta li kellek l-aħħar li ġejt għandek. Milli jidher inti xtaqt tkun taf jekk tkunx tista' tħalli xi saċerdot ieħor jgħinek fit-tixrid tad-devozzjoni lejn il-Madonna tal-Konsagrazzjoni. Jiena bħala direttur spiritwali tiegħek nippermettilek li jekk ikun hemm xi saċerdot li jurik li jixtieq jgħinek u jidhirlek li jkun skond il-Qalb t'Alla, jiena nissuġġerilek li tagħmillu kuraġġ kemm tista biex jgħinek. L-importanti hu li d-devozzjoni lejn il-Madonna tixtered mad-dinja kollha. Opra bħal din ma tistax ma tkunx skond il-Qalb tal-Madonna. Naturalment f'affarijiet bħal dawn ma jistgħux ma jiltaqgħux ma ħafna tfixkil. Anzi t-tfixkil juri li din l-opra ġejja minn Alla. Ikun hemm il-bżonn għalhekk li nitolbu ħafna biex ix-xewqa tal-Madonna sseħħ. Jiena min-naħa tiegħi, nagħmel kemm nista' biex ngħinek fiċ-ċirkostanzi kollha li tiltaqa' magħhom. Barra minn hekk, jiena bil-ħsieb li fl-ewwel Tnejn ta' Settembru nibda Novena ta' Quddies għall-erwieħ tas-saċerdoti għall-istess intenzjoni.**
**Rosa tibgħat isselli għalik ħafna u jiena, barra mit-tislijiet nibgħatlek il-Barka Saċerdotali tiegħi."**

Ittra oħra hija dik tas-6 ta' Awissu 1984, ittra mportanti għax fiha qed jiddikjara r-rwol tiegħu fir-rigward tad-direzzjoni ta' Ġuża u wkoll qiegħed juri l-fiduċja tiegħu f'dak li kienet qegħda tgħidlu rigward tal-Madonna:

**"Ili ħafna biex niktiblek. Issa tlaqt kollox u ktibtlek din l-ittra. Qabel xejn jiena nħoss li d-direzzjoni tiegħek il-Bambin iridha minn għandi. Jiena naċċetta din il-missjoni u ngħinek mill-aħjar li nista'. Inħossni kuntent li qed ngħinek f'dan l-appostolat qaddis.**

**Inti wkoll għandek tħossok ixxurtjatha li l-Madonna għażlitek biex ixxerred il-messaġġ tagħha. Jiena nħoss ukoll li tant Ġesú u kemm ukoll l-Omm għażiża Tiegħu huma kuntenti bik għax-xogħol li qegħda tagħmel għall-glorja tagħhom. Jiena żgur li waqt il-pont tal-mewt l-akbar konsolazzjoni li jkollok tkun dik li inti tkun komplejt max-xewqat qaddisa tagħhom.**

**Pero, nixtieqek li inti tibża għal saħħtek biex tkun tista' taqdi din il-missjoni li afdawlek.**

**Issa x-xogħol tiegħek għandu jkun li titlob il-Madonna biex tkompli tqaddsek ħalli tkun aktar denja li taqdi din il-missjoni. Jiena min-naħa tiegħi nwegħdek li ma ninsik qatt fit-talb tiegħi speċjalment fis-Sagrifiċċju tal-Quddiesa u waqt l-adorazzjoni li nagħmel quddiem Ġesú Espost..."**

*(ikompli f'ħarġa oħra)*

## 27 TA' JANNAR 2026

**Jaħbat il-103 sena mit-twelid ta' Ġuża Mifsud, nitolbuha bil-qalb tinterċedi għalina biex naqilgħu il-grazzji li għandna bżonn tar-ruħ u tal-ġisem.**

**Ġuża Mifsud, itlob għalina.**



**Sinjur Alla tal-Eżerċiti ixħet il-ħarsa tiegħek fuqi, twarrabx idejk minni u żommni dejjem marbut/a mal-volontà mqaddsa tiegħek.**

**Mulej, nadurak, imbierkek u nfaħħrek u filwaqt li niżżik ħajr tad-doni u l-grazzji li inti tajt lil Ġuża Mifsud, nitolbok sabiex bl-interċessjoni tagħha u ta' Ommi Marija Santissima, taqlagħli din il-grazzja li tant nixtieq. Ammen. *Glorja lill-Missier...***

# AVVIŻI

**LAQGĦAT TA' TALB FIL-GIRGENTI**

- Il-Ħadd 4 u 18 ta' Jannar 2026 fit-3.30pm
- Il-Ħadd 1 u 15 ta' Frar 2026 fit-3.30pm
- Il-Ħadd 1 u 15 ta' Marzu 2026 fl-4.00pm
- Il-Ħadd 5 u 19 ta' April 2026 fil-5.30pm

**MEZZ TA'  KUNTATT:**

- Email: ourladyofconsecration@gmail.com
- Facebook messenger: Madonna tal-Konsagrazzjoni
- Indirizz Postali: 16, Triq San Gakbu, Siggiewi

**AGĦMLU KUNTATT MAGĦNA JEKK:**

- Taqilgħu grazzji bl-interċessjoni tal-Madonna tal-Konsagrazzjoni/Girgenti jew bl-interċessjoni ta' Ġuża Mifsud;
- Jekk tridu formula sabiex issiru membri tal-Moviment Madonna tal-Konsagrazzjoni;
- Kull meta taħsbu li l-Kumitat jista' jkun ta' għajnuna.

**AKTAR TAGĦRIF DWAR ĠUŻA MIFSUD U L-GIRGENTI JISTA' JINKISEB MINN:**

- www.ourladyofconsecration.org
- Facebook - Madonna tal Konsagrazzjoni
- Youtube - Guza Mifsud
- Tiktok - Madonna tal-Konsagrazzjoni
- Kotba, santi u oġġetti devozzjonali
- Kopji antiki ta' dan il-fuljett (ikkonsultaw il-website)

**DIKJARAZZJONI: Il-Bord Editorjali ta' dan il-fuljett jiddikjara li, bl-ebda mod, ma jrid jgħaddi ġudizzju fuq dak li hu soprannaturali fil-fatti msemmija hawnhekk. Dan il-ġudizzju jistennieh mill-Awtorità tal-Knisja.**